MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 194/1994/1

**Avviz Numru: 194/94JP**

**Silvio Izzi Savona**

**vs**

**Joseph Mangion**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-25 ta’ Jannar 2011 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*“Il-Qorti,*

*Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Frar 1994 fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenut prefiss minn din il-Qorti jizgombra minn raba’ maghrufha bhala Quarto*

*Beneficio San Marco "Limiti taz-Zurrieq" billi l-konvenut qieghed jokkupa din ir-raba' bla ebda titolu validu bil-ligi.*

*Ghal skopijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju ma jaqbizx l-ghoxrin (20) Lira Maltija bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.*

*Rat l-eccezzjonijiet ipprezentati mill-konvenut fit-tmienja (8) ta' Marzu 1994 illi fih eccepixxa illi primarjament il-Qorti hija inkompetenti rationae materiae. Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma kellu ebda dritt jipproponi din il-kawza stante illi huwa m'huwiex propjetarju tar-raba' in kwistjoni. Illi subordinarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, il-konvenut jippossjedi r-raba' in kwistjoni b'titolu validu skont il-Ligi.*

*B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament;*

*Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;*

*Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;*

*Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tas-sbatax (17) ta' Mejju 2007;*

*Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut tal-hmistax (15) ta' Jannar 2008;*

*Ikkonsidrat:*

*Din il-kawza tirrigwarda talba attrici sabiex il-konvenut jigi zgumbrat mir-raba' imsemmi fl-avviz, il-ghaliex skont l-attur, dan qieghed jokkupah minghajr ebda titolu.*

*In sostenn tal-eccezzjoni tieghu illi l-konvenut kellu titolu validu skont il-ligi, l-konvenut, permezz ta' affidavit (a fol.7 u 8), xehed illi ghar-rigward tal-ghelieqi maghrufa bhala l-Gonna tal-Marsa, limiti taz-Zurrieq, fis-sena 1979 huwa kien lahaq ftehim ma' Nicolina Izzi Savona, prokuratrici ta'*

*hutha Giuseppe u Maria ahwa Caruana, sabiex jahdem l-ghelieqi fuq indikati bil-hlas ta' tnax (12)-il lira kull sena f'Santa Maria. Ghal dan il-hlas huwa qatt ma inghata ircevuta. Fis-sena 1984, bil-mewt ta' Giuseppe Caruana, il-qbiela tal-ghelieqi msemmija daru fuq Nicholina Izzi Savona bhala prokuratrici ta' Maria Caruana u li l-qbiela zdiedet ghal hmistax (15)-il lira u hamsin (50) centezmu.*

*Ghalhekk il-konvenut baqa' jhallas il-qbiela ta' hmistax (15)-il lira u hamsin (50) centezmu sa kemm mietet Nicholina Izzi Savona fin-1992.*

*F'Awwissu tan-1991, il-konvenut Mangion kien mar ihallas il-qbiela lil Nicholina bhas-soltu, kif ukoll il-qbiela ta' huh Felix ghal raba' iehor li kien f'idejn Nicholina u hemm hekk, kien sab lill-attur Silvio Izzi Savona. Halla l-flus tieghu flimkien mal-flus ta' huh mieghu u l-ktieb tal-ircevuti tal-qbiela ta' huh Felix. Ghaddew ftit granet, talab lil Silvio Izzi Savona ghall-ktieb tal-qbiela ta' huh Felix u f'din l-ewwel okkazjoni, l-attur qallu: "kollox sew" pero' wara ftit granet l-attur kien qallu li kien tilef dan il-ktieb tal-qbiela. Il-konvenut jghid illi minn hawn hekk beda jahseb hazin fl-attur, aktar u aktar meta f'Marzu 1992 li l-attur kien talbu biex jaghtieh f'idejh bicca mir-raba' ghal ibnu. Fil-fatt il-konvenut ma accettax u hemm hekk l-attur qallu illi ma kienx ser jaccetta iktar qbiela. Ghalhekk, f'Awwissu tan-1992, il-konvenut mar ihallas il-qbiela flimkien ma' huh, ha mieghu wkoll tape recorder zghir biex jirrikordja d-diskors.*

*Il-konvenut jghid illi dak iz-zmien Nicholina kienet diga` rikoverata Has-Serh. Il-konvenut spjega illi rega' beda jargumenta fuq ic-cessjoni ta' bicca art f'idejn l-attur u ma lahqux ftehim fuq din il-kwistjoni. Fl-ahhar ta' din il-laqgha, il-konvenut ghadda l-flus tal-qbiela lill-attur u huwa accetthom. Tawh ukoll bhala parti mill-prodott, patata, basal, bettiegh, gheneb u tin.*

*F'Dicembru tan-1992, mietet Nicholina u f'Jannar 1993, l-attur, permezz ta' ittra, infurmah illi ma kienx ser jaccetta aktar qbiela u baghat cekk lura bl-ammont tal-qbiela.*

*A fol.11 et sequitur Speranza Mangion, nurse, illi kienet gharusa mal-konvenut, xehedet illi hija kienet taf lill-konvenut u taf illi kien jahdem wahdu, l-eghlieqi mertu tac-citazzjoni. Ikkonfermat illi darba minnhom, kienet akkompanjatu biex jaghmel il-hlas tal-qbiela lil Nicholina fir-rahal taz-Zurrieq, fejn kien prezenti wkoll l-attur. Xehedet illi l-konvenut kien ghamel zewg (2) pagamenti, wiehed bil-ktieb u wiehed minghajru u l-ahhar pagament kien ghall-ghalqa li huwa kien jahdem, cioe' l-ghalqa mertu tac-citazzjoni. Dana kienet tafu ghax kien qalilha l-istess konvenut li hekk kien ser jaghmel. Ikkonfermat illi Nicholina fil-prezenza tal-attur, kienet zammet il-flus. Ikkonfermat ukoll illi ghar-rigward tal-hlas illi sar bil-ktieb tal-qbiela, kien l-attur illi ffirma dan il-ktieb.*

*Carmela Mangion a fol.14 et sequitur, il-mara ta' Felix Mangion u cioe` hu l-konvenut, xehedet illi l-ghalqa mertu tac-citazzjoni kienet tal-Gvern. Hija sostniet li r-ragel taghha Felix kellu mqabbel ghandu, ghalqa ohra illi tissejjah tal-Belluwa u dana bil-prezz ta' tmien (8) Liri Maltin fis-sena. Il-propjetarju tal-ghalqa tal-Belluwa kien Silvio Izzi Savona u qabel l-attur, sid l-ghalqa kienet ommu Nicholina. Ikkonfermat illi l-konvenut Joseph Mangion ihallas hmistax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm15.50) fis-sena ghall-ghalqa u li dana kienet tafu 'l ghaliex gieli marret mal-konvenut biex ihallsu l-qbiela. Ikkonfermat illi gieli mar il-konvenut Joseph Mangion bil-qbiela ta' Felix u tieghu u gieli marret hi thallas il-qbiela wkoll ta' zewgha u tal-konvenut. Ikkonfermat illi huma kellhom ktieb tal-kera ghall-ghalqa taghhom u dan kien jigi ffirmat mill-attur.*

***"Ghandi nghid illi jiena darba mort biex inhallas ghas-sehem tar-ragel tieghi, u cioe' l-ghalqa tar-ragel tieghi u kont mort bil-ktieb u kien zammu l-attur. Dejjem kien jghid illi ser jirranga u dan qatt ma tana l-ktieb lura**."* *(ara fol.15 u fol.16)*

*Carmela Mangion kompliet tixhed illi apparti l-flus, huma wkoll kienu jghaddu lill-attur prodott tal-ghalqa, cioe' patata, ful, bajtar u minn dak illi jkollhom. Ikkonfermat illi anke meta kienu jghaddu l-qbiela lil Nicholina, l-attur kien*

*ikun jaf b'kollox ghax kien ikun ta' spiss fid-dar tal-mama tieghu. Hija qalet li qatt ma kellhom inkwiet dwar il-qbiela sakemm kienet hajja Nicholina u li l-inkwiet inqala' biss wara mewtha meta l-attur qalilhom illi kien tilef il-ktieb tal-kera.*

*Maria Mangion a fol. 20 et sequitur, omm il-konvenut, ikkonfermat illi binha Joseph Mangion kien ilu jahdem ir-raba' mertu tac-citazzjoni ghall-ahhar sittax (16)-il sena u dana bil-kuntentezza tal-attur, ta' ommu Nicholina u z-zijiet tal-attur. Ta' dan ir-raba', il-konvenut kien ihallas lil Nicholina s-somma ta' hmistax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm15.50) kull Santa Marija.*

*A fol.21 Maria Mangion xehedet illi kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet marret thallas il-qbiela ghan-nom ta' binha Joseph u ta' binha l-iehor Felix, hija stess, u kienet tghaddi l-flus lil Nicholina. Gieli kien jittardja l-konvenut Joseph Mangion illi jhallas il-qbiela u Nicholina kienet tmur ghandha u tistaqsi ghall-hlas maghha. Maria Mangion xehedet illi meta hija kienet ghamlet il-pagament lil Nicholina, din qatt ma tatha ircevuta ghal dak illi jikkoncerna l-hlas tal-qbiela ghan-nom tal-konvenut Joseph Mangion. Maria Mangion ikkonfermat illi hija qatt ma inzertat lill-attur meta ghamlet il-pagament ghan-nom ta' binha l-konvenut.*

*A fol 22 xehedet is-segwenti**: "jien kellimtu lill-attur meta kienu qeghdin jillatikaw it-tfal tieghi ... Jiena ghidt lill-attur li hawn hekk, cioe' r-raba' inhallsuh u l-attur kien qalli: din is-sena l-ahhar. "***

*Felix Mangion a fol 24 et sequitur, hu l-konvenut, xehed illi huwa kellu hanut tal-laham iz-Zurrieq vicin hafna ta' fejn kienet toqghod Nicholina Izzi Savona. Ikkonferma illi huwa kellu ghalqa u kien ihallas il-qbiela lil Nicholina Izzi Savona u meta giet nieqsa, kien mar ihallas lil binha, l-attur. Illi kien mar ma' huh bil-qbiela kemm ghall-ghalqa tieghu illi jghidulha tal-Belluwa u kif ukoll ghall-ghalqa propjeta' tal-Gvern illi kien qed jahdem il-konvenut li jghidulha tal-Marsa, limiti taz-Zurrieq.*

*Felix Mangion a fol.25 xehed illi l-konvenut mhux minn dejjem kien ihallas il-qbiela pero' dan il-hlas, da parti tal-konvenut, kien ilu jsir bejn hmistax (15) u sittax (16)-il sena. Qal illi ghall-ewwel kien ihallas tnax (12)-il lira mbaghad zdiedet ghal hmistax-il lira u nofs (15.50). Ikkonferma illi gieli anke kienet marret il-mara tieghu, Carmen Mangion jew ommu biex taghmel il-hlas tal-qbiela kemm tieghu u kif ukoll ta' huh. Ikkonferma illi meta kien isir il-hlas ghar-rigward tal-ghalqa tal-Belluwa, dan il-hlas kien jitnizzel fil-ktieb tal-kera izda ghar-rigward tal-hlas li kien isir minn huh Joseph, Nicholina Izzi Savona ma kinetx taghtieh ircevuta.*

*Felix Mangion xehed a fol 25 illi kemm hu u kif ukoll il-konvenut gieli hallsu lil Nicholina wkoll permezz ta' prodott. Felix Mangion xehed illi kien talab lill-attur biex jirritorna l-ktieb tal-kera u kien qallu biex jghaddi iktar tard peress li ommu Nicholina kienet ma tiflahx. Kien rega' talbu ghall-ktieb u kien qallu li tilfu, tant illi kellu jirrikorri ghand l-avukat tieghu u beda jiddepozita l-flus il-Qorti. Sussegwentement kien mar ikellem lill-attur, flimkien mal-konvenut biex jiddiskutu dan il-punt ta' qbiela u l-attur kien qalilhom li ma kienx hemm problema fuq il-qbiela, izda li hu ried, mill-art illi kienet imqabbla lill-konvenut, bicca art, hdax bi hdax, sabiex jizraghha bil-fjuri. Il-konvenut Mangion ma kienx accetta. Hemm hekk kienu tawh il-qbiela taz-zewg bicciet art u anke prodott. Dawn gew accettati wkoll, pero' rcevuta qatt ma giet irrilaxxata "imbaghad ghadda z-zmien u rcivejna cekk ... u dana wara Mejju."*

*A fol. 27 Felix Mangion jghid illi ma kienx jaf jekk kemm-il darba f'Mejju, meta rcevew lura c-cekk minghand l-attur, jekk Nicholina kinetx ga mietet. Ikkonferma illi fl-ghalqa tal-Marsa, limiti taz-Zurrieq, qatt ma ra la lil Nicholina Izza Savona u lanqas lil Silvio Izzi Savona jahdmu din l-art. Huwa kkonferma illi l-attur kien impjegat mal-gvern u jahdem mas-servizzi socjali.*

*A fol 48 Maria Mangion, in kontro ezami, xehedet illi Joseph Mangion, il-konvenut, jahdem bhala kok u li kien ilu jahdem bhala kok almenu ghal hmistax (15)-il sena u li*

*l-hinijiet tieghu kienu zgur mis-sebgha (7.00) sa xi s-saghtejn (2.00) ta' wara nofs inhar u gieli anke dam jahdem sat-tmienja (8.00). Maria Mangion xehedet illi kienet marret bejn tlieta (3) u erba' (4) darbiet thallas lil Nicholina Izzi Savona l-qbiela tal-konvenut. Ikkonfermat illi l-konvenut kien ilu jahdem din l-ghalqa xi sbatax (17)-il sena u li dan kien bil-kuntentezza ta' kulhadd u anke z-zijiet tal-attur li kien jisimhom Giuseppe u Maria Caruana.*

*A fol. 53 tghid illi l-familji kienu saru haga wahda u li kienu bdew billi joffrulhom l-ghajnuna. Maria Mangion tghid illi darba kienet hallset lil Giuseppe u Maria Caruana izda ftit wara tikkoregi ruhha billi tghid illi fil-fatt hija kienet thallas lil Nicholina. Ghal dan il-hlas, Nicholina dejjem irrifjutat li taghtihom ircevuta, minkejja li kienu jistaqsu ghaliha. Maria Mangion xehedet illi Nicholina kienet tghidilhom:*

***"m'intomx qeghdin sewwa intom? Hemm hekk mhux ser inkeccukom ahna, qisu taghkom. Ahna tghajnijulkom, ghandna pjacir bikom."*** *(ara fol. 55)*

*Mangion xehedet illi qatt ma hallsu lil Nicholina permezz ta' cekk u qatt ma ddepozitaw flus il-Qorti rigwardanti l-ghalqa tal-konvenut. Maria Mangion ikkonfermat illi gieli marret mal-konvenut biex tghinu fir-raba'.*

*Carmela Mangion in kontro ezami a fol. 63 ikkonfermat illi l-konvenut jahdem go lukanda bhala kok u li kien ilu f'dan il-mistier dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena. (ara fol. 69) L-ghalqa mertu tac-citazzjoni kienet tinhadem minn Giuzeppe u Maria Caruana u meta xjahu u ma felhux iktar ghaliha, beda jghinhom il-konvenut. Giuzeppe u Maria mietu fin-1987. Ikkonfermat illi Giuzeppe u Maria kienu jmorru l-ghalqa tul hajjithom kollha allavolja l-konvenut kien fl-ahhar parti ta' hajjithom jghinhom.*

*Il-hlas tal-qbiela tal-ghalqa tal-konvenut u dik ta' Felix Mangion kienu dejjem jithallsu flimkien (ara xhieda a fol 72). Ikkonfermat illi hija dejjem tat il-flus lil Kolina u qatt ma tat il-qbiela lil Giuzeppe jew lil Maria Caruana. "Ilghaliex dawn ma kienux kapaci." Carmela Mangion xehedet illi l-ewwel darba li marret thallas il-flus lil*

*Nicholina kien madwar xi ghaxar (10) snin. Hi kkonfermat illi qatt ma hadet ircevuta ghall-ghalqa tal-konvenut minn Nicholina. Carmela Mangion ikkonfermat illi hija qatt ma talbet l-ircevuta lil Nicholina ghall-qbiela tal-ghalqa tal-konvenut u lanqas qatt ma rat ircevuta f'dan is-sens. Hija kkonfermat li meta kienet tmur thallas, kien ikun hemm prezenti wkoll l-attur.*

*Speranza Mangion, in kontro ezami a fol. 86 et sequitur, ikkonfermat illi hija ma kinitx taf precizament fejn kienet din l-ghalqa ghalkemm kienet taf li din kienet propjeta` tal-Gvern. Xehedet illi l-uniku haga li taf illi l-konvenut kien ilu jahdimha ghal fuq minn ghoxrin (20) sena u kien jahdimha ghal certu mara jisimha Maria. Fill-fatt hija saret taf lill-konvenut meta dan kien jigi jzur lil Maria Caruana fl-isptar fejn kienet tahdem l-istess Speranza Mangion. Ikkonfermat illi gieli kienet prezenti meta kien isir il-hlas u dan kien isir f'envelope u li l-konvenut qatt ma talabha ghall-ircevuta.*

*Felix Mangion a fol. 95 et sequitur, ikkonferma illi x-xoghol tieghu huwa li jbiegh il-laham, jiftah fis-sebgha (7.00) u jaghlaq ghall-habta tas-sitta u nofs (6.30), is-sebgha (7.00). Kien jiftah ukoll is-Sibt sa nofsinhar (12.00). Huwa ppreciza illi kull nhar ta' Tnejn ma jiftah xejn, waqt li kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis ma jiftahx wara nofsinhar. Huwa kkonferma illi jahdem ir-raba' tal-Belluwa u ma jghix bil-prodott ta' din l-ghalqa izda jghajjex lilu nnifsu u jbiegh il-kumplament. Ikkonferma illi kien jghin liz-zijiet tal-attur fix-xoghol tar-raba 'l ghaliex huma kienu xjahu. Mitlub jghid x'kienu jaghtuhom talli kienu jghinuhom, Felix Mangion xehed illi ma kienu jaghtuhom xejn u kienu damu jghinuhom xi sentejn, tlieta. A fol. 101 Felix Mangion ikkonferma illi Guzi Caruana kien jinzel ir-raba' sa ftit qabel ma miet. Hu kkonferma li kienu jghinuhom bhala pjacir. Huwa nnega illi kienu jaghtuhom xi flus ghal din il-hidma u anqas ma kienu jiehdu prodott, anzi jghid illi kienu jaghtuhom il-prodotti huma stess mill-ghalqa tal-Marsa illi kellha kejl ta' xi hmistax (15)-il tomna.*

*Felix Mangion xehed illi kienu jaghtu l-Kolina l-prodott u jaqsmu nofs bin-nofs. (ara xhieda a fol. 104). Dan il-ftehim*

*kien baqa' ghaddej sakemm mietu z-zijiet. Wara illi mietu z-zijiet huwa kien jaqbad il-prodott u jghaddih lil Nicholina. Imbaghad beda jhallasha tmien (8) liri ghall-ghalqa tieghu, ta' Belluwa. Felix Mangion xehed illi meta kien jaghti l-flus lil Nicholina, kien ihallilha l-ktieb tar-raba' u kienet tirritornah xi jiem wara, billi tikkonsenjahulu fil-hanut tal-laham tieghu. Ghar-rigward tal-hlas tar-raba' tal-konvenut, Nicholina ma kinetx tirrilaxxa rcevuta.*

*A fol. 107 u 108, Felix Mangion xehed illi huwa hallas lil Nicholina Izzi Savona darba wahda biss ghaliex imbaghad kienu jmorru ommu jew martu jew Joseph Mangion biex jeffettwaw dan il-hlas. Sussegwentement kienu marru darba ohra hu u l-konvenut. Felix Mangion xehed illi huma ma kienux prezenti meta sar ftehim bejn Nicholina Izzi Savona u l-konvenut dwar l-ghalqa tal-Marsa. Felix Mangion xehed illi sussegwentement il-qbiela tal-Gvern kienet gholiet ghall-hmistax-il lira u nofs (15.50) u li l-konvenut beda ihallas lil Nicholina hmistax-il lira u nofs (15.50) ghal qbiela.*

*A fol. 126 l-attur xehed illi r-raba' mertu tac-citazzjoni kien originarjament imqabbel lil Rosaria Darmanin illi kienet iz-zija tan-nanna tieghu. Sussegwentement din ghaddiet ghand il-mama tieghu (Nikolina Izzi Savona) u hutha (Giuzeppe Caruana u Maria Caruana). Fin-1987 wara l-mewt tal-ahwa Caruana, r-raba' nqalbet fuq Nicholina Izzi Savona, omm l-attur. Meta kibru Giuzeppe u Maria Caruana, l-familja ta' Mangion li kienu hbieb taghhom, kienu "jaghtu titwila" kull tant zmien u meta kien jasal iz-zmien biex jaqilghu l-prodott mill-art kienu jaghtuhom daqqa t'id u z-zijiet, bhala ringrazzjament u apprezzament, kienu jaghtuhom ftit mill-prodott. Fin-1984 kien miet Giuzeppe Caruana li kien baqa' jahdem fl-ghalqa sa xi xahrejn, tliet xhur qabel ma miet. Maria Caruana kienet ukoll tinzel sal-ghalqa.*

*L-attur innega illi fin-1979 kien intlahaq ftehim ma Nicholina Izzi Savona bhala prokuratrici ta' hutha Giuzeppe u Maria sabiex il-konvenut jibda jahdem l-ghelieqi imsemmija u li kien ihallas tnax (12)-il lira kull Santa Marija. L-attur xehed a fol. 132 illi kien cert illi ma*

*sarx dan il-ftehim u dana 'l ghaliex ommu kienet taf illi ma setghetx tikri jew tqabbel din l-art tal-Gvern u apparti minn daqshekk, kienet tghidlu kull ma kienet taghmel. Huwa stqarr illi kienet qaltlu illi Mangion kien imur jaghti daqqa t'id liz-zijiet. Ikkonferma illi Nicholina kienet tghidlu illi la t-tfal taghha ma riedux ir-raba', huma kellhom iceduh wara mewtha 'l ghaliex hija ma kinetx lesta illi ccedieh. (vide fol.132)*

*L-attur xehed illi xi membri tal-familja Mangion kienu marru biex igieghluha tghaddilhom l-art u li hi kienet qaltlu: "xi zball ghamilt" fis-sens illi dawn in-nies ma kienux lesti illi jahdmu li kellhom jahdmu u l-unika interess illi kellhom kienu illi jakkwistaw il-poter taht idejhom, u hi qatt ma xtaqet iccahhad lit-tfal taghha minn din l-art. Huwa xehed illi Nicholina kienet tixtri z-zerriegha flimkien ma Maria Caruana sabiex l-art tinhadem. L-attur xehed illi Maria Caruana kienet mietet fin-1987 u sa dak iz-zmien il-prodott tar-raba' kien jinqasam ghall-konsum tal-familja taghhom, li kienu hamsa (5) minn nies u l-bqija kien jigi mibjugh miz-zija.* ***Huwa xehed illi parti minn dan il-prodott kienu wkoll jghadduh lill-konvenut Mangion pero' ma kienx jaf f'liema kwantita'.***

*Wara 1987 il-qbiela daret fuq Nicholina Izzi Savona u l-prodotti tar-raba' kien jixtrihomlha hu. L-attur xehed illi on and off il-konvenut kien baqa' jinzel jahdem l-ghalqa u f'certu punt kellhom argument 'il ghaliex l-attur ried illi t-tifel tieghu jkollu qata' zghira minn din l-art biex ikun jista' ikabbar xi haga ghalih (hdax (11)-il pass kwadru minn ghaxart (10) itmien) u l-konvenut accetta, bil-kondizzjoni li l-attur kellu jistenna sa April, Mejju sakemm jinqata' l-prodott. Gara pero', f'Mejju u l-attur ghamel xi marki fuq bicca qata' zghira u l-konvenut qabad u nehhihomlu.* ***L-attur xehed illi wara l-mewt taz-zija, huma hallew lill-konvenut jahdem l-art sabiex din ma tithallhiex zdingata (ara xhieda a fol 137).*** *Iz-zieda fil-qbiela, fl-ammont ta' hmistax (15)-il lira u hamsin (50) centezmu, saret meta l-qbiela daret fuq Nicholina Izzi Savona.*

*L-attur xehed illi jiftakar lil ommu tghid illi ma setghetx taqleb il-qbiela fuq l-ahwa Mangion 'il ghaliex ma kinetx*

*propjeta taghha u lanqas ma riedet iccahhad lil uliedha minn din l-art wara mewtha. Nicholina Izzi Savona kienet mietet fin-1992 u ftit wara kienu gew ikellmuh, il-konvenut u huh Felix in segwitu tad-dizgwid illi kellhom fuq il-qata' zghira illi l-attur xtaq ghal ibnu. L-attur jghid illi l-konvenut ippretenda illi huwa (l-attur) kellu jaccetta l-qbiela. Kienu gew wara l-hmistax (15) ta' Awwissu u hallewlu l-flus fuq il-mejda, illi huwa wara xi jumejn, cioe' f'xi twenty eight (28) jew twenty nine (29) ta' Awwissu kien ghamel cekk u baghat lura dawn il-flus. Lilu kienu qalghulu diversi problemi ta' natura personali u fil-fatt kien irrejalizza fis-sebgha (7) ta' Jannar illi dan ic-cekk kien ghadu ma baghtux u fis-sebgha (7) ta' Jannar kien baghatulhom bil-posta rregistrata.*

*Wara l-mewt ta' Nicholina Izzi Savona f'Dicembru tan-1992, l-art in kwistjoni kienet daret fuqu u huwa gie rikonoxxut mil-'Lands Department' bhala l-inkwilin. Wara l-mewt ta' Nicholina Izzi Savona, l-attur jghid illi huwa ma ceda ir-raba' lil hadd, l-konvenut kellu mpjieg full-time, kif kellhom full-time job ukoll Joseph u Felix Mangion.*

*A fol. 144 l-attur xehed illi sa kemm kienet ghadha hajja Maria Caruana, hija kienet tiehu l-frott tal-art li kienet tahdem hija stess u l-attur izid jghid illi l-konvenut ma kienx lanqas jghin lil Maria Caruana tghabbi l-prodott biex iwassalulha sad-dar taghha, izda kienet tkun hi illi tghabbi l-prodott fuq pram antika u ggorrhom hija stess.*

*Gew esebiti d-dokumenti IS 1 u IS 2, ircevuti tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-qbiela tal-art in kwistjoni. Gie esebit dokument IS 3, ircevuta fuq l-istess art u dokument IS 5, ittra mibghuta mill-Lands Department fejn il-Gvern irrikonoxxa lil Nicholina Izzi Savona IS 6. Dok. IS 7 sa IS 10 huma wkoll ircevuti mill-Lands Department.*

*Joseph Mangion a fol 152 in kontro ezami kkonferma li huwa jahdem bhala kok fil-Cavalieri Hotel, mis-sebgha (7.00) ta' fil-ghodu sad-disgha u nofs (9.30) ta' fil-ghaxija u kien jahdem darba iva u darba le. Ikkonferma illi dan ir-raba' in kwistjoni kien jinhadem minn Guzi u Maria Caurana, mhux b'mod komprensiv; aktar kienu jcekcku fir-*

*raba'. Il-konvenut ikkonferma illi fiz-zmien Guzi Caruana, kien ukoll mghejjun fil-hidma tar-raba' minn certu Indri Farrugia u iehor illi kellu l-laqam tal-'Kukkuwa' u iehor illi kunjomu Pace: u dana sas-sena 1974. Fin-1979 il-konvenut jghid illi ha r-raba' f'idejh. Jiftakar illi Guzi Caruana kellu ziemel u li kien iqabbad lil xi hadd biex jahratlu.*

*Il-konvenut a fol. 155 ikkonferma illi fin-1974 kienu bdew ghinuhom billi isaqqulhom il-patata u l-qarabali u jiehdu wkoll mill-prodott. Fin-1974 bdew ukoll jghinuhom il-familja kollha tal-konvenut inkluz missieru u z-zewg (2) hutu ohra. A fol. 156 il-konvenut xehed kif fil-fatt kienu dahlu f'din ir-raba' u permezz tal-ingenji taghhom, huma kienu bdew jahdmu din l-art bis-serjeta` u bdew ikabbru l-qarabali u l-patata eccettera. Dan ix-xoghol kienu jaghmluh senza interessi pero' kienu jiehdu wkoll mill-prodott. Sa l-1979 Guzi u Maria Caruana ma kienux ghadhom b'sahhithom u fil-fatt aktar Maria Caruana kienet baqghet taghmel xi haga zghira. Bejn in-1974 u n-1979 Maria kienet tiehu biss il-patata u x-xghir minn din l-art. Bejn in-1974 u n-1979, il-konvenut xehed illi kien jixtri z-zerriegha, kien jizra basal, tewm, qamh, gulbiena eccetera u kien jaqsam dan il-prodott bejnu u bejn Guzi u Maria Caruana. Aktar 'il quddiem a fol. 157, il-konvenut xehed illi fil-fatt ma kienux jaqsmu l-prodott nofs bin-nofs izda l-konvenut kien jghaddilhom biss skont il-bzonnijiet taghhom. Il-konvenut xehed illi 'l bicca kbira tal-art kienet iddedikata ghaz-zriegh tal-patata. Fin-1979 il-konvenut xehed illi Nicholina Zammit kienet qaltlu li hija ma xtaqitx iccedi l-art lil familja li tigi minnha u li xtaqet tghaddi l-art lilhom (cioe lil konvenut) bi ftehim verbali b'dana li l-konvenut kellu jhallas il-qbila kollha u kellu jhalli lil Maria u Giuzeppi jahdmu r-raba' bhal li kieku l-art kienet ghadha taghhom (ara xhieda a fol.158 u fol.159). Il-konvenut xehed li minkejja li Giuzeppi kien jinzel sar-razzett, huwa ma kienx jahdem ir-raba', pero` kien iqatta' xi siegha jew saghatejn fl-ghelieqi u l-konvenuti kienu jsajrulu xi haga. Il-konvenut jinnega li Maria Caruana kienet baqghet tizra l-hxejjex sa l-ahhar snin ta' hajjitha. Hu xehed li Nicholina kienet qaltlu biex ihalli qata` zghira minn ghalqa, sabiex Maria tkun tista' tizra xi patata. Pero', wara li Maria ma felhitx iktar*

*ghal dan ix-xoghol, il-konvenuti kienu jghaddu lil Nicholina u hutha l-prodott tal-patata. Il-konvenut xehed li Maria baqghet tmur lejn din ir-raba' il-ghaliex kienet tirgha naghaga. A fol.160, il-konvenut xehed illi huma qatt ma ghamlu ftehim bil-miktub ma' Nicholina. Il-konvenut xehed illi ghal rigward ir-raba' ta' huh, sar ftehim bil-miktub bejn missier l-attur u hu l-konvenut. Wara illi bdew jahdmu r-raba' fin-1979, minkejja illi l-konvenut xtaq illi r-raba' tinqaleb f'ismu, Nicholina qatt ma ghamlet dan, l-kera tal-Gvern baqet f'isimha u hija kienet thallas lil Gvern. Il-konvenut ma setax jghid fuq min kienu johorgu l-ircevuti 'l ghaliex qatt ma mar il-'Lands Department'. Aktar tard fix-xhieda tieghu, jikkoregi ruhu u jghid illi kien mar il-'Lands Department' u ra l-file imma dan kien biss wara li nfetah il-kaz.*

*Ikkonferma illi huwa qatt ma mar il-'Lands Department' biex ihallas il-qbila (ara xhieda a fol.162). il-konvenut baqa' jishaq (a fol.163), illi Nicholina qaltilhom:* ***"Ir-raba huwa taghkom."***

*In kontro ezami, Joseph Mangion (a fol.167 et seq.) ikkonferma li qatt ma saret skrittura privata bejnu u Nicholina 'l ghaliex din dejjem qaltlu,* ***"Biex ma ncaqalqux l-affarijiet qaltli ma naghmluhiex din il-kitba."*** *Il-konvenut (a fol.167 u fol.168) ikkonferma li huwa qatt ma hallas lil Nicholina permezz ta' cheque. Wara l-mewt ta' Nicholina, l-konvenut xehed illi huwa kien hallas lill-attur f'Awwissu u wara l-mewt ta' Nicholina f'Dicembru, l-attur kien baghatilhom cheque, rifuzjoni tal-qbila. Il-konvenut xehed li ma marx jitlob il-'Lands Department' sabiex ir-raba` in kwistjoni jdur f'ismu. Huwa xehed illi mar l-ewwel darba l-'Lands Department' wara li l-attur kien, "Bis-sahha u bl-arroganza kollha," talbu biex johrog 'il barra mill-art il-ghaliex ma kellux titolu validu. Il-konvenut xehed illi Giuzeppe miet fin-1984 u Maria mietet fin-1987.*

*Mitlub jghid kemm-il darba, in segwitu tal-mewt taz-zijiet, kienx talab lil Nicholina biex idawwarlu r-raba' f'ismu, l-konvenut (a fol.169) xehed li huwa kien talabha kemm-il darba. Hu xehed li seta mar l-ewwel darba l-'Lands Department' fin-1990's. A fol.171, il-konvenut xehed illi*

*huwa kien kiteb, permezz tal-avukat tieghu, lil-'Lands Department' fin-1990's, x'aktarx fin-1992 u li kien ircieva biss acknowledgement u ma marx izjed. A fol.172, il-konvenut sahaq illi Nicholina kienet qaltlu illi l-art kienet tieghu u li meta jigu nieqsa z-zijiet, iddur f'ismu.*

*Ikkonferma illi dan id-diskors sar minn Nicholina meta Maria u Giuzeppi Caruana kienu ghadhom hajjin. Illi nell frattemp huwa kien trankwill qed jahdem ir-raba' u jhallas il-kera lil Nicholina. Il-konvenut xehed (a fol.173) illi l-attur kien beda jaqta' l-kuntatt bejnu u bejn Nicholina bil-mod u ghalhekk, "Lanqas cans li nghidilha fuq din ir-raba," u* ***fil-fatt l-ahhar li kellem lil Nicholina kien xi sena u nofs, sentejn qabel ma mietet.*** *Mitlub jghid, dawn is-sena u nofs, sentejn, kif ghamel biex ihallas il-kera, il-konvenut xehed illi kien sab lil Nicholina fuq saqajja fis-Sajf u kien hallasha u ghal dan il-hlas kien prezenti l-attur, pero' l-ircevuta mweghda, fil-fatt, qatt ma giet rilaxxata. A fol.174, il-konvenut spjega illi fl-ahhar sentejn huwa kien hallas l-attur u hallsu cash. Il-konvenut xehed illi meta hallas lill-attur Izzi Savona l-ewwel darba, dawn il-flus ma gewx ritornati izda meta sar il-hlas it-tieni darba, wara xi erba' (4) xhur, l-attur kien irrifuza l-flus permezz ta' cheque.*

*Lorenza Izzi Savona kkonfermat illi hija kienet taf lil zewgha minn Ottubru 1964 u zzewget f'Novembru 1968 u wara xahar kienu marru jghixu ma' omm l-attur u z-zijiet tieghu u dana ghal perijodu ta' hames (5) snin meta d-dar taghhom fiz-Zurrieq kienet inbniet. Lorenza Izzi Savona xehedet li z-zijiet tal-attur kienu nies habrika, efficenti, self-sufficient u ta' sikwit hija kienet tmur ma' binha, iqattghu ftit zmien f'din ir-raba'. A fol.183, Lorenza Izzi Savona kkonfermat li Giuzeppe Caruana kien baqa' jahdem sa tliet (3) xhur qabel ma miet fin-1984 waqt illi Maria Caruana, li mietet f'Ottubru/Novembru 1987, baqghet tahdem sa jumejn u nofs qabel ma mietet 'il ghaliex, fil-fatt, kienet instaghbet kwazi mejta f'wiehed mill-imqieqel fir-raba' indikat. Lorenza Izzi Savona xehedet illi hija ma kinitx tara lill-konvenut jew huh jahdem ir-raba' in kwistjoni u kien biss wara l-mewt ta' Maria Caruana li rat lill-konvenut hdejn ir-raba, b'idejh fil-but ihares (ara wkoll fol.210). Lorenza Izzi Savona kkonfermat*

*illi l-konvenut kien jghid illi kien imur jaghti daqqa t'id liz-zijiet ta' zewgha. Lorenza xehedet li hija qatt ma rat lill-konvenut jaghmel dan u jekk mar, kien bil-buona grazzja tieghu (ara fol.184 sa fol.186). Lorenza Izzi Savona xehedet illi l-konvenut u huh kienu jissikkaw liz-zijiet tal-attur biex jaccettaw il-flus, pero' hi (Nicholina) zammet dejjem sod u qatt ma accettat. Wara l-mewt ta' Maria Caruana, Nicholina Izza Savona kienet tat permess lil Joseph Mangion biex jahdem l-art u dana kienet tafu ghax qaltilha hi (Nicholina) stess.*

*Lorenza Izzi Savona, in kontro ezami (a fol.196 et seq.), ikkonfermat illi wara z-zwieg taghhom, wara li ghexu ma' omm u z-zijiet tal-attur ghal hames (5) snin, hija u l-attur kienu marru jghixu f'dar apparti, fl-istess rahal, iz-Zurrieq. Ikkonfermat illi l-attur u hi kienu jmorru kwazi ta' kuljum f'dan ir-raba'. Mitluba tghid ir-rwol tal-familja Mangion fir-raba' in kwistjoni, Lorenza Izzi Savona tghid illi hija ma kinitx tarahom fir-raba', pero' gieli rathom ikellmu liz-ziju Giuzeppi u baqghet isostni li hija kienet tara liz-zijiet jahdmu fir-raba' in kwistjoni. Ikkonfermat (a fol.199) illi ta' Mangion gieli marru jaghtu daqqa t'id liz-zijiet (avolja hija qatt ma rat lill-konvenut jahdem hemm) u li kienet certa li l-familja Mangion kienu thallsu miz-zijiet, tax-xoghol illi ghamlu, "Ghax kienu nies (iz-zijiet) generuzi hafna." (a fol.199 u fol.200).*

*Lorenza Izzi Savona xehedet illi Nicholina stess kienet qaltilha illi hija kienet tat permess lil konvenut jahdem f'din ir-raba', pero' qatt ma accettat kera minghandhom minkejja li kienu jiffittawha. A fol.202, Lorenza xehedet illi hija kienet taf illi Giuzeppe Caruna bata minn stroke wiehed biss u qabel ma tah dan l-istroke, kienet tara lil Giuzeppe Caruana johrog ghax-xoghol kuljum. Ikkonfermat li Giuzeppe Caruana mhux biss kien jahdem fl-ghelieqi tieghu, izda kien imur ukoll jahrat ghand in-nies. A fol.204, Lorenza Izzi Savona tichad li Giuzeppe Caruana kien irtira fin-1979/1980 u li kien iqatta l-gurnata shiha fil-pjazza taz-Zurrieq fil-kazin tal-Labour. Hija kkonfermat ukoll li r-raba' meritu tal-avviz kien dejjem baqa' jinhadem. A fol. 206 u fol.207, hija baqghet isostni illi kienet tghaddi minn quddiem dan ir-raba', almenu erba'*

*(4) jew hames (5) darbiet fil-gimgha u li dejjem sabet liz-zijiet u mhux lil haddiehor jahdem dan ir-raba'. A fol.212 u fol.213, Lorenza Izzi Savona kkonfermat illi Maria Caruana, wara l-mewt ta' huha Giuzeppi, kienet tiehu hsieb in-naghga, tahdem ir-raba' u taghmel il-gbejniet.*

*A fol.214, Lorenza Izzi Savona tghid illi hija kienet ghalliema u li tahdem sal-erbgha (4:00 p.m.). Izzi Savona tghid illi fix-Xitwa hija kienet tinzel passiggata ma' zewgha sar-raba' in kwistjoni u li fix-Xitwa r-raba' ma kinitx tinhadem. Ma setghetx tghid kemm-il darba z-zijiet kienux itellaw prodotti l-pitkalija. A fol.218, hija tghid illi qatt ma rat lill-konvenut jghaddi flus – rikavat ta' prodott tar-raba' mibjugh il-pitkalija – lil Nicholina. A fol.219 u fol.220, Lorenza Izzi Savona kkonfermat illi darba kienu gew ta' Mangion bil-flus tal-kera u li zewgha qal il-kliem, "Morru hudu l-flus 'l hemm," izda wara skoprew illi l-konvenut kien halla l-flus fuq il-coffee table u ghaldaqstant zewgha kien irrifonda dawn il-flus permezz ta' ittra.*

*Silvio Izzi Savona, in kontro ezami (a fol.230), innega li z-zijiet tieghu – Giuzeppe u Maria, talbu l-ghajnuna mill-familja Mangion sabiex tinhadem ir-raba' in kwistjoni u jasserixxi illi r-raba' kienet dejjem tinhadem minn Giuzeppe kif ukoll minn ohtu Maria. Illi wara illi Giuzeppi kellu puplesija, ir-raba' tkompliet tinhadem minn Maria Caruana.*

*L-attur ikkonferma illi huwa kien impjegat tal-Gvern u li kien jahdem mit-tmienja (8:00 a.m.) sal-hamsa u kwart (5:15 p.m.) u kkonferma illi dan r-raba' in kwistjoni kien hames (5) minuti 'l boghod, bil-mixi mid-dar tieghu, fiz-Zurrieq (ara fol.232). A fol.233 u fol.234, l-attur jghid illi huwa kien jitlaq mix-xoghol bil-bus, jasal sad-dar u ta' sikwit kien jghaddi minn quddiem ir-raba' in kwistjoni u dana minkejja illi l-gurnata, bejn Ottubru u Dicembru, kienet tiqsar. Kien jinzel zgur ir-raba', Sibtijiet u Hdud u meta kien ikun bil-leave. A fol.235, Izzi Savona xehed illi ommu kienet, ovvjament, tghaddilu haxix u prodott tar-raba' u dana anke wara li ma baqax jghix maghha u maz-zijiet. A fol.236, l-attur jghid illi huwa prezentement ma kienx qieghed jahdem l-art u fil-passat ma hadimhiex*

*ghaliex kienu jahdmuha z-zijiet tieghu. L-attur xehed illi z-zijiet kienu jahdmu r-raba' in kwistjoni manwalment, li ma kellhomx ingenji tar-raba' u li kienu jqabbdu lil nies ohra sabiex jaghmlulhom xoghol li kien jista' jsir biss bil-makkinarju.*

*L-attur ikkonferma illi huwa ma kellux makkinarju tar-raba' pero' kien lest illi jixtrih (ara fol.236 u fol.237).*

*L-attur ikkonferma illi z-zijiet tieghu kienu saru hbieb mal-familja Mangion ghal habta tan-1972 'il ghaliex Giuzeppe Caruana kien jiffrekwenta hanut tat-te' illi kellu missier il-konvenut. Il-familja Mangion kellhom ukoll hanut tal-laham, li l-attur, sa ftit snin ilu, kien ukoll jixtri minghandhom. A fol.239, l-attur jinnega illi missieru kien ta xi ghelieqi, bi qbiela lil hu l-konvenut, cioe` lil Felix Mangion, ghalkemm gharaf illi din kienet qed tigi vantata minn Felix Mangion. L-attur iddikjara li minhabba illi Giuzeppe u Maria Caruana kienu sordi u muti, ommu kienet tiehu hsieb ta' l-affarijiet taghhom. Omm l-attur mietet fin-1992. A fol.243, l-attur innega li Giuzeppe Caruana kien iqatta' granet shah fil-hanut tat-te' ta' Mangion 'il ghaliex kellu problemi f'saqajh; jichad li Caruana kien refa' fil-hidma tieghu tar-raba'; li Caruana kien semplicement fekka saqajh, darba jew darbtejn; li l-'Bobin Bar' jiftah biss filghaxijiet. L-attur baqa' jishaq (ara fol.242 sa fol.244) illi Giuzeppe Caruana baqa' jahdem ir-raba' sa tliet (3) xhur qabel ma miet fis-sena 1984. L-attur innega illi r-raba' in kwistjoni kienet ghamlet snin zdingata, pero' jaf illi kien hemm xi partijiet zghar illi ma kienux jinhadmu. L-attur xehed illi z-zijiet kienu jizirghu s-silla, x-xghir, il-qamh u l-patata u li dawn kienu jinhadmu b'rotazzjoni (ara fol.246). Mistoqsi jekk kienx veru illi fi zmien li din l-art kienet tinhadem minn Giuzeppe Caruana, il-konvenut Joseph Mangion kien ukoll jahdem f'din ir-raba',*
*l-attur xehed illi l-konvenut Mangion kellu 'a full-time job' band'ohra u ghaldaqstant ma setax jahdimha aktar milli kien jahdimha zijuh. A fol.247, l-attur jghid illi kien ra lil Mangion jaqla' l-prodott, izda qatt ma rah jizra jew jahrat l-art. Dan il-prodott kien jintuza miz-zijiet ghal bzonnijiet taghhom u ghal bzonnijiet ta' omm l-attur u l-familja tal-*

*attur. L-attur xehed (a fol.248) illi z-zijiet kienu jghatu lil Joseph Mangion il-prodott tar-raba' illi jkun qala' u ta' dan huwa gieli kien prezenti (fol.249). Il-prodott imbaghad kien jigi stivat f'kamra illi z-zijiet kellhom fl-ghalqa. A fol.250, l-attur xehed illi l-prodott ma kienx jinqasam u z-zijiet kienu jaghtu lil Mangion parti mill-prodott bhala token, bhala aprezzament. Jekk il-konvenut qala' ghaxar xkejjer patata, kien jircievi forsi xkora u l-prodott imbaghad kien jinbiegh man-nies taz-Zurrieq stess.*

*Il-kontro ezami ta' Silvio Izzi Savona jitkompla a fol.273 et. sequitur. A fol.276, l-attur jeskludi illi kien hemm ftehim bejn Nicholina u l-konvenut Joseph Mangion stante li fi zminijiet indikati mill-konvenut, cioe fin-1979, wara l-mewt ta' missier l-attur, omm l-attur kienet dejjem tikkonsulta mal-attur fuq kwistjonijiet importanti. Omm l-attur kienet taf ukoll illi l-attur kien interessat ukoll f'dan ir-raba' (ara fol.279). Di piu', iz-zijiet kienu inkapaci legalment illi jidhlu fi ftehim. Ghalhekk omm l-attur kienet tagixxi legalment f'isimhom 'il ghaliex kienet prokuratrici taghhom. L-attur xehed illi l-konvenut u huh kellhom full-time job. Mistoqsi jekk jaf fuq xi ftehim bejn Nicholina Izzi Savona u l-konvenut, il-konvenut jirrispondi:*

*"Li naf li qatt ma accettat flus minghandhom biex dawn jahdmuh (full-time)."*

*Dan l-istat ta' fatt setgha jaccertah 'il ghaliex ommu kienet tghidlu kollox. L-attur ikkonferma li wara l-mewt ta' Giuzeppe Caruana, il-familja ta' Mangion kienu jiffittawhom biex din ir-raba' jaqilbuha f'isimhom. Jinnega li Nicholina Izzi Savona kienet tircievi flus, raprezentanti l-kera tar-raba' in kwistjoni, pero' ma tohrogx ircevuta (ara fol.282 u fol.283). L-attur (a fol.284) xehed illi l-konvenut kellu l-imfietah tar-razzett, illi dawn kienu jinghataw lill-konvenut li kien jirriturnahom filghaxija u l-attur gieli mar ukoll ghalihom izda dawn l-imfietah baqghu f'idejn il-konvenut fin-1987, meta mietet Maria Caruana. A fol.290 u fol.291, l-attur baqa' jishaq illi ommu kienet tghidlu b'kollox u li l-konvenuti kienu ffittawha diversi drabi biex hija ccedi r-raba' in kwistjoni, haga illi hija ma setghetx taghmel. Huwa kkonferma illi la huwa, lanqas huh, qatt*

*ma kienu bdiewa; li huh kien irtirat u jghix l-Ingilterra. A fol.294, l-attur xehed illi Mangion kien jixtri z-zerriegha tal-patata bi flus zitu. A fol.296 u fol.297, l-attur jghid illi huwa ma kellux ircevuti ta' prodotti tar-raba' li z-zijiet kienu jbieghhu man-nies taz-Zurrieq jew il-pitkalija. A fol.299, l-attur jghid illi zitu Maria kienet itella' l-prodott tar-raba' sad-dar ta' ommu go pram. Wara l-mewt ta' Maria Caruana qatt ma ra lill-konvenut itella' xi prodott tar-raba' ghand ommu u hu fil-fatt kien jixtri dawn il-prodotti ghall-familja. A fol.300, l-attur gie mistoqsi:*

*Domanda:* ***"Din il-kwistjoni li qeghdin hawn illum, ara nghidx sew li inqalghat meta inti tlabt lil Joseph Mangion biex ihallilek qata' ta' hdax bi hdax biex tkabbar xi fjuri."***

*L-attur wiegeb:* ***"Iva. Mhux tlabtu ghax jiena ma nippretendix li ghandi nitolbu fuq art li jiena rikonoxxut fuqha jiena. Ghidtlu, 'Hawnhekk nixtieq nibghu nikkoltivaw xi fjuri' u dan kien xi haga fi Frar. Hu qalli illi meta inehhi dak illi kien hemm, xi prodott ma nafx x'kien, qalli 'ghal Marzu, April, innehihom, inhallilek il-vojt.'" (ara fol.301)***

*Illi ghal habta ta' April/Mejju, l-attur wara li accerta ruhu illi ma kienx hemm prodott fil-wicc tar-raba', kien iddelineja qatgha, permezz ta' gebel zghir, u l-konvenut, ftit wara, nehhihom, u minn hemmhekk bdew l-argumenti. Mitlub jghid kemm-il darba, f'dan iz-zmien, ommu Nicholina kinitx l-isptar, l-attur (a fol.303) xehed illi ommu diga' kienet mejta meta gara dan. A fol.305, l-attur ikkonferma li huwa gie rikonoxxut mil-'Lands Department' tas-sena 1993 (a fol.117) u qabel dik id-data kienet giet rikonoxxuta ommu (Nicholina Izzi Savona). A fol.306 ikkonferma illi huwa kien baghat ic-cheque lura lil konvenuti f'Jannar tas-sena 1993, illi ommu kienet idahhlet l-isptar f'Settembru tas-sena 1991 u damet hemmhekk sa kemm ma mietet f'Dicembru tas-sena 1992. Allura l-kwistjoni bejn il-partijiet, dwar il-qatgha raba' ta' hdax bi hdax-il pass, sehhet fi Frar tas sena 1992.*

*Giet ezebita ittra tal-4 ta' Jannar 1993 (Dok.JP1) u l-attur jikkonferma li din kienet l-ittra li permezz taghha huwa kien baghat lura c-cheque tal-konvenut.*

*Lorenza Caruana, prodotta mill-konvenut (a fol.316), neputija ta' Nicholina Izzi Savona kkonfermat li Nicholina kienet tghix ma' Maria u Giuzeppi Caruana. Ikkonfermat ukoll illi Maria u Giuzeppi Caruana kienu sordi u muti. Illi r-raba' tal-limiti tal-Marsa kien ta' Giuzeppi u Maria Caruana li kienu jahdmuh ftit u li l-konvenut (maghruf bhala Joe ta' Peppu) kien jghinhom u dana mis-sena 1978 jew 1979:*

***"Niftakar l-annu ghax iz-zija Kolina kienet giet ghandna umbaghad lilna qaltilna (ghax suppost ahna bid-dritt taghna), qaltilna 'ntuh lil ta' Peppu'. Qaltilha 'issib xi oggezzjoni?' lil ommi. Qaltilha 'Le.' Qaltilha 'mela ha ntuh lil ta' Peppu.'"*** *(ara fol.318).*

*Mitluba tghid jekk taf b'liema kondizzjonijiet Nicholina Izzi Savona tat dan ir-raba' lill-konvenut, Lorenza xehedet illi dan ir-raba' kien tal-Gvern u li dan inghata bi qbila (ara fol.312). Mistoqsiha x'taf fuq din il-"qbiela", Lorenza Caruana tammetti illi ma kinitx taf il-kondizzjonijiet. Anke wara dan, Giuzeppi Caruana kien baqa' jinzel kuljum ir-raba', pero' aktar biex isajjar milli biex jahdem ir-raba' (ara fol.314 u fol.315). Wara l-mewt ta' Maria u Giuzeppe Caruana, Lorenza Caruana xehedet illi l-konvenut kien itella' xi zewg bajtriet u xi naqra gheneb lil Nicholina Izzi Savona. Lorenza Caruana xehedet illi meta kienu tfal, kienu jkunu ta' sikwit f'din ir-raba' u li hija rat lill-attur darbtejn biss f'din ir-raba' (ara xhieda fol.321). A fol.323, Lorenza Caruana kkonfermat li Joseph Mangion kien jahdem ir-raba' in kwistjoni bi pjacir. A fol.324, tixhed li l-konvenut kien isaqqi xi pjanti f'xi bini fir-razzett u kien jahdem ir-raba' kollha u ghadu jaghmel hekk sallum. A fol.326, Lorenza Caruana regghet ikkonfermat illi hija ma kinitx taf il-modalitajiet tal-ftehim bejn Nicholina Izzi Savona u l-konvenut u baqghet tishaq illi din ir-raba' suppost tghajjat lilhom. A fol.329, Lorenza Caruana kkonfermat illi hija u hutha ma setghux u ma riedux jahdmu f'din ir-raba' u ghalhekk iz-zija Nicholina kienet*

*“tatu” lil Mangion. Modalitajiet fuq flus u prodott ma kienet taf b’xejn:*

*“Ahna semplici giet (Nicholina) id-dar u qaltli li ser idawru fuqu (il-konvenut).”*

*Anglu Cassar (a fol.346), gara tal-konvenut fir-raba’, ikkonferma illi huwa jahrat ir-raba’ tal-konvenut permezz ta’ tractor tieghu. Illi r-raba’ tieghu tissejjah “Tal-Bebbux” u “Tal-Marsa taz-Zurrieq.” Illi huwa jaf li l-konvenut jizra basal u patata ghall-esportazzjoni. A fol.354, Anglu Cassar xehed illi fin-1971 hu kien beda jahrat dawn l-ghelieqi ghax kien imqabbad minn certu Zeppi li kien mutu u ohtu li wkoll kienet muta li kienu jghixu f’dan ir-razzett. Xehed illi kien jaf illi Giuzeppi Mangion kellu zewg bhejjem fir-razzett, li kien jaf lill-attur il-Labour Office, izda qatt ma rah fir-raba’ in kwistjoni. Huwa kkonferma in kontro ezami, illi gieli kien jitla’ bejn tlieta (3) jew erba’(4) darbiet biex jahrat, pero’ dan mhux ta’ kull sena, ghax gieli qabbdu lil haddiehor biex jahrat. Cassar ikkonferma illi huwa jahdem is-sitta u nofs tommna raba’ tieghu li jigu biswit ir-raba’ tal-konvenut izda kellu wkoll raba’ ta’ tlieta u tletin (33) tommna ohra fi bnadi ohra ta’ Malta. Lill-konvenut u lil huh, hu jafhom sew, il-ghaliex huh ghandu hanut tal-laham.*

*Anthony Deguara, Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet, ikkonferma li l-artijiet imsemmija ‘Carto Beneficcio San Marco, limiti taz-Zurrieq, maghrufa wkoll bhala ‘Tal-Marsa’ fil-limiti taz-Zurrieq, kienet raba’ tal-Gvern, imqabbla ghand il-familja Izzi Savona. Originarjament, din ir-raba’ kienet mghotija bi qbiela lil Rozaria Darmanin u fis-sena 1911, Darmanin ittrasferiet ir-raba’ fuq ohtha Maria Caruana. Rozaria Darmanin mietet fin-1953, waqt illi Maria Caruana mietet fis-sena 1987.*

*Fis-sena 1988 ir-raba’ gie trasferit fuq Nicholina Izzi Savona. A fol.365 Anthony Deguara xehed illi:*

***“Id-Dipartiment ghamel zball ghax kien qed jinduna li kien qed isir subletting u ma hax azzjoni. Suppost din Izzi Savona Nicholina qatt ma ghamlet subletting lil***

***Mangion jew taghtu jiehu hsieb jew xi haga jew ohra jekk mhux bil-permess taghna, liema permess qatt ma ntalab."***

*Illi Nicholina Izzi Savona mietet fit-27 ta' Dicembru 1992. Deguara kkonferma wkoll li fl-1 ta' Dicembru 1990, Joseph Mangion kien kitbilhom ittra u pjanti mehmuza, fejn informa lid-Dipartiment illi kien qed jahdem ir-raba' in kwistjoni u jhallas hmistax-il Lira Maltin punt hamsin centezmu (Lm15.50) fis-sena, bhala qbiela. Illi d-Dipartiment informah illi jekk Nicholina Izzi Savona tirrinunzja ghall-qbiela, huma kienu lesti li jirrikonoxxuh.*

*Id-Dipartiment kien irrikonoxxa lil Nicholina Izzi Savona.*

*Deguara xehed illi l-konvenut kien ghamel talba bil-miktub fl-1 ta' Dicembru 1990 fejn informa lid-Dipartiment li hu kien ilu jahdem ir-raba' in kwistjoni ghal ghaxar (10) snin u jhallas bqiela ta' hmistax-il Lira Maltin punt hamsin centezmu (Lm15.50) lil Nicholina Izzi Savona.*

*Deguara kkonferma li r-risposta tad-dipartiment lill-konvenut kienet li f'kaz li Nicholina Izzi Savona tirrinunzja ghal qbiela, id-Dipartiment jkun lest jirrikonoxxi lill-konvenut*
*Mangion (fol.366). Deguara xehed illi fl-24 ta' Awwissu tas-sena 1993, id-Dipartiment irrikonoxxa lill-attur ghaliex kien id-dixxendenti ta' Nicholina li mietet fl-1992. Deguara kkonferma li l-attur informa lid-Dipartiment li l-konvenut Mangion kien dahal minghajr approvazzjoni. Deguara xehed li l-uniku "investigazzjoni" li ssir mid-Dipartiment kien jikkoncerna l-family tree. Deguara xehed li l-konvenut kien ghamel talba wahda biss bil-miktub u li Dr. Louis Galea fit-22 ta' Settembru tas-sena 1993, kienet fis-sens li m'ghandhiex tigi pregudikali xi wahda mill-partijiet.*

*Deguara kkonferma li Dr.Libreri kien baghat ittra lil Avukat Generali, ghan-nom tal-konvenut, flimkien ma' affidavit tal-konvenut, u li d-Dipartiment kien strah fuq il-parir mghoti lilu minn Dr. Cremona Barbaro.*

*L-applikazzjoni tal-konvenut giet ezebita bhala Dok. L1, ittra tal-attur bhala Dok. L2 datata 30 ta' Lulju 1992, ittri ohrajn tal-attur datati 16 ta' Awwissu 1991 Dok. L3, 24 ta' Lulju 1992 Dok. L4, 23 ta' Lulju 1992 Dok. L5, 22 ta' Lulju 1992 Dok. L6, 24 ta' Awwissu 1992 Dok. L7, 30 ta' Awwissu 1992 Dok. L8, 16 ta' Awwissu 1991 Dok. L9, 1 ta' Novembru 1992 Dok. L10, 14 ta' Jannar 1993 Dok. L11, 14 ta' Jannar 1993 u affidavit Dok. L12, 8 ta' Awwissu 1993 Dok. L13, ittra tal-Avukat Generali Louis Galea datata 22 ta' Settembru 1993 Dok. L14, ittra ta' Dr. Libreri datata 31 ta' Jannar 1994 u affidavit Dok. L15 u Dok. L16.*

*Carmel Saliba, rapprezentant tad-Direttur tal-Agrikoltura kkonferma illi l-konvenut dahhal il-pitkalija, prodotti u hxejjex li jiswew: fl-1993 Lm126, fl-1994 Lm208, fl-1995 Lm234, fl-1996 Lm35 u esporta patata bejn is-sena 1981 u 2000 minn Lm102 sa Lm1078 (ara Dok.CS a fol.422).*

*Raymond Aquilina kkonferma illi huwa, bhala negozjant fl-esportazzjoni tal-patata, kien jaf li l-konvenut kien ibiegh il-patata ghall-esportazzjoni (ara fol.416). Hu kkonferma li kellu 'grading station' tal-patata u gieli mlew tlett mitt (300) xkora patata ghall-konvenut.*

*Carmel Sammut fit-tieni xhieda tieghu, ezebixxa Dok. CM1, li turi l-piz tal-patata li l-konvenut esporta – u cioe` bejn ftit anqas minn tunnellata ghal sebgha punt sebgha (7.7) tunnellati bejn is-snin 1995 sa 2000.*

*Anthony Mifsud (a fol.433), Direttur tal-Agrikoltura, ikkonferma li kien jaf bil-konvenut ghal diversi snin izda ma setax ikompli jghati t-testimonjanza tieghu ghaliex ma kellux il-file mieghu. Anthony Mifsud ikkonferma illi saret applikazzjoni ghal giebja fl-art* ***adjacenti*** *tal-art meritu tal-kaz, liema art kienet tinhadem minn hu l-konvenut (a fol.443).*

*In fatti* ***mill-file tal-art in kwistjoni*** *rrizulta biss notamenti li jghid:*

***“Try to convince the Landlord to give consent to farmer to build reservoir.”***

*Fil-file Anthony Mifsud sab ittra li kien iddraftja huwa stess ghan-nom tal-konvenut sabiex hu japplika biex tigi rikonoxxuta bhala l-bidwi li jahdem ir-raba’ in kwistjoni (Dok. AMY). Anthony Mifsud ikkonferma illi hu ma ghamel ebda indagini jew verifiki biex jikkonferma l-fatti allegati mill-konvenut (a fol.448).*

*Lorenza Caruana, in kontro ezami (a fol.468 et seq.), ikkonfermat li semghet lil Nicholina Izzi Savona tghid lil ommha (omm Lorenza) li kienet ser taghti r-raba’. Ikkonfermat li dak iz-zmien, hija kelha madwar tmienja u ghoxrin (28) sena u li l-genituri taghha qatt ma kienu interessati li jahdmu r-raba’. Hi xehedet li bejn il-familja taghha u tal-attur kien hemm xi tilwim fuq il-wirt fiz-zmien, izda kienu rrikonciljaw. Hija kkonfermat li hadd minn hutha ma kien interessat fir-raba’. Lorenza Caruana (a fol.476) ikkonfermat li ma kinitx taf jekk ta’ Peppi kienx ihallas lil Nicholina. Hija kkonfermat illi Nicholina qatt ma uzat il-kelma “qbiela” u kienet qalet biss li ser jtieh ir-raba’. Lorenza Caruana xehedet illi hija kienet tinzel sar-raba in kwistjoni meta kienet tifla sabiex jaqtghu it-tin u dan baqghu jaghmluh sa kemm baqghu hajjin iz-zijiet izda meta r-raba’ kienet qed tinhadem minn ta’ Peppi, huma ma kienux imorru – “fula f’qamar konna mmorru”. (a fol.482).*

*Mitluba tghid kemm tiffrekkwenta r-raba’, Lorenza Caruana xehedet li kienet tmur bejn tlieta (3) u erba’ (4) darbiet fil-gimgha (a fol.483 sa fol.485) ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar (2:00 p.m.) sal-hamsa (5:00 p.m.) u s-sitta ta’ wara nofsinhar (6:00 p.m.). Hija qalet li kienet tinzel bil-mixi u kienet iddum ghal menu ghaxar (10) minuti biex tasal. Wara li cahdet ripetutament (a fol.488) li kienu marru jghixu f’appartament tal-Gvern, (fol.489) tammetti li fis-sena 1973/1974 kienu garrew go dar f’Housing Estate, Zurrieq. Ikkonfermat illi mis-sena 1974 ‘il quddiem ma tantx kienu jiffrekwentaw dan ir-raba’ izda gieli ghamlu dan sakemm damet hajja z-zija Maria (a fol.492). Lorenza Caruana xehedet li meta beda jahdimha*

*(l-art in kwistjoni) ta' Peppi ma kinitx tiffrekwenta r-raba' (a fol.493). Meta l-familja ta' Lorenza Caruana kienu miggielda maz-zija Nicholina, Lorenza kienet tinzel bil-mohbi. Lorenza Caruana kkonfermat (a fol.494 u fol.495) illi apparti z-zija Maria u z-ziju Guzeppi, kienet issib lill-konvenut Mangion fir-raba'. A fol.501 mitluba tghid il-kliem preciz ta' Nicholina, Lorenza Caruana tghid:*

*"Qaltilha issa l-qbiela taqa', la mhux ser tahdmuha intom, jahdmuha dawn ta' Peppu..."*

*Mitluba mill-Qorti tghid ghaliex dana ma qalitux fis-seduta precedenti meta giet mistoqsija precizament l-istess domanda, Caruana ma setghetx tirrispondi u mbaghad qalet "Naf imma li hekk." (a fol.501)*

*Anthony Deguara, prodott mill-attur (a fol.509 et seq.) xehed b'referenza ghall-ittra datata 16 ta' Lulju 1993 ta' Dr. L. Galea, li dak iz-zmien Dr. Cremona Barbara kien jahdem mal-ufficcju tal-Avukat Generali u kien responsabbli ghad-Dipartiment tal-Artijiet u kien ta dan is-segwenti parir:*

***"Department Policy cannot over-ride the Law. Amongst grounds of eviction from agricultural land granted on lease, the Law speaks of the case whose agricultural land was sublet on the lease thereof transferred without consent of the lesson. The son of the legal tenant claims that Mr. Mangion, the occupier, was only allowed to cultivate the land (permezz ta' bona volonta') which does not constitute either sub letting or a transfer of the lease. Consequently unless proof to the contrary is provided by Mr. Mangion, Mr Izzi Savona, son of the deceased lawful tenant is fully entitled to succeed to the tenacy".*** *(a fol.512)*

*In segwitu ta' dan il-parir legali, l-attur kien gie rikonoxxut fl-24 ta' Awwissu 1992 skont Dok.LD18. Deguara kkonferma li l-attur kien qed ihallas il-qbiela u kien ghadu l-inkwilin. Deguara kkonferma illi l-pozizzjoni tad-Dipartiment tal-Artijiet baqghet konsonanti mal-parir ta' Dr.*

*Cremona Barbaro (a fol.519) pero' ebda inkjesta jew investigazzjoni ma ssejhet.*

*Manuel Saliba (a fol.523 et seq.) prodott mill-attur, ikkonferma li kien jmur ma' missieru meta dan kien imur ghand iz-zijiet tal-attur biex jizen il-prodotti ta' basal u patata. Saliba xehed illi kien imur ma' missieru minn meta kellu tlettax (13)-il sena sa meta kellu tlieta u ghoxrin (23) u dak iz-zmien kien ghadu haj Guzeppi Caruana. Hu xehed li missieru kien imur darbtejn fis-sena biex jizen dawn il-prodotti.*

*Natalie D'Amato ezebiet Dok. AD1 u Dok. AD2, ktieb tar-raba' tal-attur Izzi Savona, li kien irregistrat fl-14 ta' Settembru 1993. Dan il-ktieb jinhareg fuq min hu rikonoxxut li ghandu l-qbiela skont l-ircevuti tal-Lands Department (a fol.536). D'Amato giet mitluba taghmel ricerka fuq l-isfond tat-titolu ta' Nicholina Izzi Savona.*

*Fit-tieni xhieda taghha Natalie D'Amato, agricultural Officer ma' Ghammieri, xehedet li l-art in kwistjoni kienet giet registrata fuq Roza Darmanin fis-7 ta' Gunju 1944. Din kienet xebba u wara mewtha, r-raba' dar fuq in-neputi taghha Joseph Darmanin fit-8 ta' Novembru 1957. Minn hemm dar fuq Maria Caruana fl-1 ta' April 1981 u wara dar fuq Nicholina Izzi Savona (omm l-attur) fl-14 ta' Settembru 1993. Hija ezebit Dok. NDZ (a fol.522).*

*Illi fil-kaz in ezami, ikkonfermat ir-raba' biddel l-idejn minhabba mewt tal-inkwilin. D'Amato xehedet li fejn l-art ma tintiritx mit-tfal din tghaddi fuq neputijiet jew kugini. Id-dipartiment jezigi li jkun hemm il-firem tal-ahwa kollha li jridu jaghtu l-kunsens taghhom sabiex isir it-trasferiment (a fol. 554). D'Amato kkonferma li l-Ghammieri ma jaghmlux investigazzjoni biex jaraw min qieghed jahdem l-art izda joqghodu fuq id-direzzjoni li jaghtihom il-Lands Department.*

*Natalie D'Amato (a fol.560) et seq.) fit-tielet xhieda taghha, kkonfermat li ghamlet xi verifiki u qalet li l-art in kwistjoni kienet ghalqa wahda li tkompli sa ma' l-isqaq u ezebiet pjanta (Dok. NDD).*

*D'Amato xehed illi wara l-mewt ta' Roza Darmanin, l-art ghaddiet lil* ***Joseph Caruana*** *u wara mewtu lil Maria Caruana (a fol.562).*

*A fol.577 Carmel Saliba rega ezebixxa Dok. CM1.*

*Natalie Spiteri D'Amato (a fol.584) fir-raba xhieda taghha kkonfermat illi l-attur kien registrat mal-Ghammieri u kellu l-biljett numru FRL 345241 izda huwa registrat maghhom bhala 114012RQ (a fol.585).*

*Ikkonsidrat:*

*Din il-kawza si tratta ta' talba attrici sabiex il-Qorti tal-Magistrati tikkundanna lill-konvenut jizgombra r-raba' maghruf bhala Quarto Beneficio San Marco, limiti taz-Zurrieq, stante li kien qed jokkupaha bla titolu validu skont il-Ligi.*

*Illi kif jidher mix-xhieda voluminuza, jirrizulta illi l-art in kwistjoni kienet giet moghtija bi qbila lil Rozaria Darmanin fis-sena 1911. Darmanin mietet fl-1953 u r-raba' waqa fuq Maria Caruana, li mietet fl-1987. Fl-1988 ir-raba' gie trasferit fuq Nicholina Izzi Savona li mietet fis-27 ta' Dicembru 1992. L-attur Izzi Savona gie rikonoxxut bhala inkwilin mid-Dipartiment tal-Artijiet fl-24 ta' Awwissu 1993 (ara xhieda ta' Anthony Deguara a fol.361 et seq.)*

*Mill-provi jirrizulta wkoll illi fil-perijodu antecedenti ghal mewt ta' Joseph u Maria Caruana, Nicholina Izzi Savona bdiet tibza illi jekk l-art tithalla zdingata, l-Gvern ikollu d-dritt li jirriprendi lura l-istess raba. Din kienet ir-raguni 'l ghaliex giet kostretta titlob l-ghajnuna tal-konvenut li fil-bidu beda jahdem din l-art bhala "pjacir". Illi wara l-mewt tal-ahwa Caruana, din il-Qorti temmen li Nicholina Izzi Savona bdiet taccetta minghand il-konvenut is-somma ta' tnax-il Lira Maltin (Lm12) fis-sena biex tkopri l-qbiela dovuta lil Gvern, li sussegwentement, meta gholiet il-kera mill-Gvern ghal hmistax-il Lira Maltin punt hamsin centezmu (Lm15.50), Nicholina Izzi Savona ppretendiet u accettat dan l-ammont ghal meno f'zewg (2) okkazjonijiet.*

*Ghal meno f'okkazzjoni minnhom, dan il-hlas sar fil-prezenza tal-attur (f'Awwissu tan-1992). Illi wara l-mewt ta' Nicholina Izzi Savona, f'Dicembru tal-istess sena, l-attur irritorna l-ammont ta' hmistax-il Lira Maltin punt hamsin centezmu (Lm15.50) lill-konvenut, permezz ta' cheque.*

*Apparti l-hlas annwali ta' dawn l-ammonti, l-konvenut kien jghaddi prodotti tal-bidja lil Nicholina Izzi Savona minn dak li kien jiproduci mir-raba' in kwistjoni. Ma jidhirx illi l-ircevuti ghal hlas ta' flus, ekwivalenti ghal kera tar-raba', gew mghoddija lill-konvenut 'il ghaliex, anke meta dawn saru, l-ktieb tal-kera "intilef" mill-attur. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut inghata l-imfietah tar-razzett jew kmamar tar-raba' illi jeziztu fl-art in kwistjoni.*

*Din ix-xhieda hija kkonfermata mill-konvenut (ara fol.7, fol.158 sa fol.159); minn Speranza Mangion, dak iz-zmien gharusa tal-konvenut, li kkonfermat li kienet prezenti meta l-konvenut kien ihallas qbiela ghal dan ir-raba', kif ukoll ghar-raba' ta' huh Felix (ara fol.11 u fol.12); minn Carmela Mangion (mart Felix) a fol.14 et seq.; minn Maria Mangion (omm il-konvenut) li tasserixxi li kienet tmur hi stess ghand Nicholina u thallasha ghan-nom tal-konvenut (ara fol.20); minn Felix Mangion (ara fol.24 et seq.); minn Lorenza Caruana li tidher illi ma tafx is-sinifikat tal-kelma 'qbiela' izda kkonfermat li Nicholina Izzi Savona tat ir-raba' lil konvenut, wara li hadet permess ta' ohtha u cioe` omm Lorenza Caruana (ara fol.318).*

*Raymond Abdilla (a fol.420 et seq.), Anthony Mifsud (a fol.43 et seq.), Angelo Cassar (a fol.346), ilkoll jaffermaw illi jafu li l-konvenut kien jahdem ir-raba' meritu tac-citazzjoni, waqt li l-ittra mibghuta minn Dr. Louis Galea lid-Dipartiment tal-Artijiet datata 22 ta' Settembru 1993, tikkonferma li l-konvenut kien ilu tlettax (13)-il sena jahdem ir-raba' in kwistjoni. Apparti dana kollu, Dok. CM1 turi b'mod xjentifiku l-prodotti agrikoli li l-konvenut kien itella' l-pitkalija u d-dhul tieghu minn din il-hidma.*

*Din il-Qorti taghraf illi l-attur kien kuntent b'dan l-arrangament u cioe' li l-konvenut Joseph Mangion jahdem ir-raba', ihallas il-korrispettiv tal-kera u jghaddi ammont sostanzjali ta' prodott agrikolu lill-familja ta' Izzi Savona sakemm l-attur fettillu jitlob lil konvenut ghal qata' zghira (hdax-il pass kwadru) minn din ir-raba' 'il ghaliex iben l-attur xtaq jikkoltiva ftit fjuri, bil-konsegwenza li l-konvenut irrifjuta tali talba.*

*Dan gie pjenament ammess mill-attur fix-xhieda tieghu (a fol.300) li accenn ghaliha gia sar aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.*

*Tant hu hekk li ghall-ammont konsiderevoli ta' zmien, il-Qorti kienet infurmata li l-partijiet, pendente lite, kienu ser jaslu ghal ftehim u ghal transazzjoni.*

*Il-prova li l-attur, fil-fatt, kien jaf li l-konvenut kien ihallas ghal tgawdija tar-raba' lil ommu Nicholina, hija kristallizzata fix-xhieda tal-attur (a fol.307) li ma jhalli ebda dubju f'mohh din il-Qorti li l-attur kien jaf li kien hemm ghal meno zewg (2) okkazzjonijiet fejn kien ircieva hlas mill-konvenut ghal raba in kwistjoni. Minkejja l-parir legali mghoti minn Dr. Cremona Barbaro lid-Dipartiment tal-Artijiet, l-Assistent Direttur Anthony Deguara,* ***deherlu li d-Dipartiment tal-Artijiet kien zbalja*** *meta ma ha ebda azzjoni in segwitu tal-informazzjoni li l-konvenut kien ilu jahdem ir-raba' li ghaliha kien qed ihallas il-kera (ara fol. 365 u l-bran citat aktar 'il fuq a fol.19 tas-sentenza).*

***Irid jinghad, bla tlaqliq, illi ebda wiehed mill-partijiet ma huwa bidwi li l-ghixien tieghu jiddependi mill-hidma tieghu f'art agrikola. Il-provi juru bic-car illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut, kellhom impjieg full-time li ma kellux x'jaqsam mal-hidma fir-raba'. L-attur kien impjegat tal-Gvern qabel ma rtira, waqt li l-konvenut kien impjegat bhala kok full-time f'lukanda. Illi, di piu', l-attur, imkien ma jasserixxi li huwa qatt hadem ir-raba` in kwistjoni imqar ghal zmien qasir. Huwa stabbilit ukoll mill-provi li l-konvenut, bil-hidma fir-raba' in kwistjoni, jissuplementa l-ghixien tieghu.***

*Ikkonsidrat:*

*Il-konvenut issolleva tliet (3) eccezzjonijiet:*

*1) Inkompetenza rationae materiae;*

*2) Nuqqas ta’ locus standi ta’ l-attur;*

*3) Titolu validu ta’ kera.*

*Il-Qorti sejra tibda biex tezamina t-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenut u cioe li l-attur ma kellu ebda dritt jipproponi l-kawza odjerna ‘l ghaliex ma kienx proprjetarju tar-raba’ in kwistjoni.*

*Fil-kaz in ezami, l-attur Izzi Savona jidher registrat u rikonoxxut bhala l-inkwilin tar-raba’ meritu tal-avviz, raba’ li tappartjeni lil Gvern, kif jirrizulta ampjament mix-xhieda ta’ l-Assistent Direttur tal-Artijiet Anthony Deguara (a fol.361 et seq.). Huwa risaput illi l-interess ta’ parti fil-kawza ghandu jkun wiehed guridiku u cioe` li jkollu s-sisien tieghu fl-eziztenza ta’ xi jedd u l-htiega li jigi protett l-istess jedd minn kull attentat tal-ksur tieghu minn haddiehor (vide Falzon Sant Manduca vs Weale deciza fid-9 ta’ Jannar 1959); l-interess irid ikun personali, dirett u attwali, fuq il-meritu tal-azzjoni kif proposta (vide Schembri et vs Caruana et. Appell Inf. deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001).*

*Eccezzjoni simili ghal din li ghandha quddiema l-Qorti, giet respinta mill-Qorti tal-Appell Civili fil-kawza bl-ismijiet Guzeppe Camilleri vs. Guzeppe Attard Portoghese deciza fit-22 ta’ Gunju 1925 u fis-sentenza bl-ismijiet Henry Tabone vs Hilda Demajo, deciza fit-3 ta’ Novembru 2004 mill-Qorti tal-Appell li rriteniet li jezisti fl-inkwilin l-interess guridiku vestit fil-proponiment tal-azzjoni avolja nkwilin.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrespingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut.*

*Il-konvenut imbaghad issolleva l-eccezzjoni ta’ inkompetenza rationae materiae. Din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta mill-Qorti tal-Magistrati fl-assenza ta’*

*provi li juri li l-konvenut jirritjeni l-art kontestata b'xi titolu validu skond il-Ligi. Huwa ta' bil-haqq necessarju ghalhekk li l-Qorti tezamina t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe l-ezistenza o meno ta' titolu ta' kera sabiex il-Qorti tkun f'qaghda li tiddetermina l-eccezzjoni ta' kompetenza o meno tal-Qrati Ordinarji.*

*Illi f'dan l-istadju jkun ghaqli li din il-Qorti tfakkar l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Inferjuri li tat tifsira tal-elementi essenzjali tal-qbiela fi ftit kliem mill-aktar meqjusa:*

***"Illi jrid jinghad illi sabiex il-kuntratt ta' qbiela jsehh, m'huwiex necessarju xi skrittura formali – jew xi kuntratt. Dan il-kuntratt ta' qbiela jista' jsir bil-fomm u ghandu elementi semplicissimi u cioe:***

***1) Tgawdija tar-raba';***

***2) Hlas ghal din it-tgawdija li tista' ssir permezz ta' flus kif ukoll prodott tar-raba' u anke bhejjem."*** *(ara sentenza bl-ismijiet* ***Josephine Cutajar et noe vs Carmelo Galea, Appell Inferjuri, deciza fit-18 ta' Mejju 1995****).*

*Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (ara fol.598 et seq.), l-attur jippostjula li l-konvenut kien qieghed jikkampa l-allegazzjoni ta' titolu validu fuq l-art in kwistjoni fuq tliet binarji:*

*1) Sullokazzjoni;*

*2) Cessjoni ta' l-inkwilinat;*

*3) Gia ladarba jirrizulta tul ta' zmien li l-konvenut kien jahdem ir-raba', m'huwiex tenut jizgombra minnu.*

*Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut (ara fol.612 et seq.) jippernja l-eccezzjoni tieghu fuq it-titolu ta' kera u s-sullokazzjoni u l-ezami ta' din il-Qorti sejra tigi limitata ghal tali kwistjoni.*

*L-attur, fin-nota tieghu (a fol.599 u fol.600), ixejjen is-sullokazzjoni pretiza mill-konvenut ghal ragunijiet segwenti:*

*1) Il-kirja tar-raba' ghal zmien aktar minn erba' (4) snin ghandha tkun redatta f'kitba taht piena ta' nullita' – ai termini ta' Artikolu 1233(1) (e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) Jonqsu l-elementi essenzjali tal-kuntratt ta' kiri u cioe l-quantum tal-kera u z-zmien;*

*3) Jonqos il-kunsens tas-sid ghas-sullokazzjoni.*

*Ikkonsidrat:*

*Illi ghalkemm huwa minnu li l-Artikolu 1233 (1) (e) tal-Kap.16 tal- Ligijiet ta' Malta, jezigi li kirja ta' raba' ta' aktar minn erba' (4) snin ghandha ssir bil-miktub ad validitatem, u li element essenzjali ta' dan il-kuntratt huwa l-element ta' zmien tal-kirja, Artikolu 1532 (b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipula li, fin-nuqqas ta' ftehim espress, ghandhom japplikaw regoli hemm indikati ta' kif dan iz-zmien ghandu jitqies.*

*Di piu', ma jidhirx mill-assiem tal-provi li l-konvenut kien qieghed jivvanta kirja li teccedi l-erba' (4) snin. Aktar jidher illi l-ftehim bejn il-konvenut Mangion u Nicholina Izzi Savona, kien jiggedded minn sena ghal sena, precizament fil-manjiera mahsuba fl-Artikolu 1536 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghal rigward tan-nuqqas ta' kunsens tas-sid ghal sullokazzjoni, din il-Qorti tipreciza li ebda kuntratt originali ta' qbiela (bejn il-Gvern u l-ewwel inkwilin Roza Darmanin) ma gie ezebit in atti, li jiprova illi d-dritt ta' sullokazzjoni ma giex koncess lill-inkwilin originali u allura lill-eredi tieghu u li jiprojbixxi lill-istess milli jissulloka din il-kirja lil terzi. Fin-nuqqas tal-produzzjoni tal-kuntratt originali u fin-nuqqas ta' prova ta' projbizzjoni esplicita, id-dritt ta' sullokazzjoni da parti tal-inkwilina Nicholina Izzi Savona ma jistax jigi eskluz.*

*Illi ghalkemm gie ritenut li sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta' sullokazzjoni jew cessjoni ta' inkwilinat:*

***"Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lil gudikant ghal konvinciment li l-inkwilint ma kienx ghadu bhala fatt juzufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet, komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikri, lil haddiehor." (vide Bradshaw et. vs. Gatt Floridia, deciza 10 ta' Jannar 2007, Appel Civ.),***

*Hija l-fehema ta' din il-Qorti li dan l-ezercizzju approfondit ghandu jsir mit-tribunal specjalizzat u l-Qorti kif preseduta ghandha dover tezamina ghal meno,* ***sal-grad tal-Primaface****, jezistix f'idejn il-konvenut, xi forma ta' titolu validu (vide* ***Appell Inferjuri fil-kawza bl-ismijiet Modesta Borg et vs Joseph Muscat, deciza fit-23 ta' Frar 1996****). Dan it-titolu jista' jkun anke wiehed li jista' jigi terminat, pero' dik it-terminazzjoni tista' biss tigi deciza mill-bord kompetenti u cioe` l-Bord tal-Qbejjel.*

***"Dan m'huwiex kaz fejn l-appellat qabad u approprja ruhu minn ghalqa de quo b'xi att vjolenti, klandestin jew purament arbitrarju. Xejn minn dan. Huwa kien qarib tal-inkwilina, kien gia' jahdem l-ghalqa meta hija kienet ghadha hajja u huwa wkoll l-eredi taghha."***

*(vide sentenzi fl-ismijiet* ***Elsa – armla ta' Victor Camilleri et vs Joseph Briffa, App.Inf. deciza fit-2 ta' Ottubru 1997*** *u* ***Rev.H.Abela vs Joseph Brown App. Inf. deciza fl-20 ta' Jannar 1993****).*

*Fil-kawza in ezami, ma hemm xejn li jindika li l-konvenut qabad u ntrometta ruhu fil-pussess tar-raba' in kwistjoni, b'xi att vjolenti, klandestin jew arbitrarju. Il-provi kollha juru, ghal kuntrarju, illi l-konvenut* ***gie mistieden*** *jahdem ir-raba' in kwistjoni, primarjament minhabba biza ta' telf tar-raba' jekk din tithalla zdingata. Il-provi juru li Nicholina Izzi Savona ppretendiet lil konvenut ikopri l-mizati tal-ammont ta' kera imhallsa lil Gvern, kif ukoll, accettat*

*minghand il-konvenut, hxejjex agrikoli li l-konvenut kien jikkoltiva bil-hidma tieghu fir-raba' in kwistjoni.*

*Huwa importanti li wiehed jaghmel accenn ghal fatt illi minkejja l-parir legali mghoti lid-Dipartiment tal-Artijiet, l-Assistent Direttur ta' dan id-Dipartiment, Anthony Deguara, kien tal-fehema li d-Dipartiment kien zbalja meta ma hax azzjoni fuq is-sullokazzjoni minn Nicholina Izzi Savona lill-konvenut Joseph Mangion ghal rigward ir-raba' in kwistjoni.*

*Il-Qorti, wara ezami tax-xhieda kollha, ma tikkonvedix mas-sottomissjonijiet tal-attur li l-konvenut huwa zvestit ex lege minn kull dritt li jibqa' fir-raba' meritu tal-avviz, 'il ghaliex qed jokkupaha llegalment. Din il-kostatazzjoni, la hija sorretta mill-fatti u lanqas mil-Ligi.*

*Gia' ladarba l-Qorti sabet, ghal meno sal-grad tal-Primaface, illi l-konvenut Joseph Mangion jirritjeni titolu validu fuq l-art in kwistjoni, il-Qrati Ordinarji u cioe Qrati tal-Magistrati ma ghandhomx kompetenza rationae materiae 'il ghaliex din tistrieh fil-bord illi jirregola l-qbejjel.*

*Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici; tiddikjara li ghal meno, sal-grad tal-primaface, il-konvenut jidher li ghandu titolu validu ta' kera; tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, konsegwentament tiddikjara l-Qorti tal-Magistrati nkompetenti rationae materiae u tirrespingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut.*

*Bla taxxa bejn il-partijiet in konsiderazzjoni tal-andament pjuttost inutilment komplikat tal-procediment li ghalih ikkontribwew iz-zewg kontendenti.*

Rat ir-rikors tal-Appell tal-attur Silvio Izzi Savona datat 11 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta ta' Joseph Mangion datata 15 ta' Marzu 2011 a fol 14 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Josette Grech ghall-appellant prezenti u Albert Libreri ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-aggravji tal-appellanti huma li (a) li l-eccezzjoni moghtija ta' nkompetenza *rationae materiae* ma kellhiex tigi milqugha ghaliex huma l-Qrati ordinarji li ghandhom guridizzjoni jisimghu kwistjonijiet ta' okkupazzjoni ta' fond bla titolu; (b) dwar il-mertu it-talbiet attrici kellhom jigi milqugha ghaliex il-konvenut ma ippruvax sal-grad rikjest mill-ligi t-titolu minnu pretiz jew vantat; (c) la darba t-titolu vantat kien wiehed ta' sullokazzjoni u/jew cessjoni tenut il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp civili fuq bazi ta' probabilita', tali prova kellha tkun univoka u kredibbli.

Illi dwar l-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti kienet kompetenti li tisma' l-kaz abbazi tad-disposizzjonijiet ta' dak li dak iz-zmien kien l-**artikolu 48 tal-Kap. 12** fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet indikata li *"tiddeciedi kull talba ta' zgumbrament, jew tkeccija minn beni immobbli, sew kemm raba', mikrija jew li qeghdin fihom persuni…..".*

Illi jirrizulta li l-kawza saret sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond *de quo* ghaliex kien qed jokkupa l-istess bla ebda titolu validu fil-ligi ( u dan meta ghall-fini ta' kompetenza gie ddikjarat li l-fond ghandhu valur lokatizzju li ma jaqbizx Lm20 fis-sena). Tenut kont tal-fatt li huma l-premessi u t-talbiet li jirredikaw il-kompetenza tal-Qorti (**"Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi"** – A.C. – 7 ta' Ottubru 1997), u f'dan il-kaz fejn l-attur qed isostni li l-konvenut ghandu jigi zgumbrat ghaliex qed jiddetjeni l-fond bla titolu, hija l-Qorti ordinarja li kellha kompetenza sabiex tisma' l-kaz; dan kien jissussisti anke fil-kaz li l-fond kien mikri in kwantu ma' kienitx kwistjoni li kienet taqa' fil-parametri tal-**Kap. 69** fil-kuntest ta' rilokazzjoni skond il-ligi (**"Vincent Galea vs Anthony Robert Pisani"** – A.I.C. – (PS) – 12 ta' Jannar 2005). Dan il-ghaliex it-tribunali specjali ghandhom kompetenza limitata, u allura mhux kull meta tissemma l-kelma kera l-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja jitilfu l-kompetenza taghhom, b'dan li l-Qrati ordinarja ghandhom il-kompetenza li jiddeciedu jekk hemmx titolu ta' kera jew le, u l-gurisdizzjoni ordinarja tal-qorti tieqaf biss meta l-kwistjoni tkun dwar jekk sid il-kera jistax jibdel il-kondizzjonijiet tal-kiri fil-perjodu ta' rilokazzjoni jew jistax ma jgeddifx il-kiri favur "il-kerrej" meta jintemm (**"Peter Sammut Briffa et vs Maria Dolores Zammit et"** – A.I.C. (GCD) – 17 ta' Ottubru 2002). Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh b'dan li din l-Ewwel Qorti, kontrarjament ghall dak deciz, kienet kompetenti sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet attrici anke fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi din il-Qorti f'dan il-kuntest ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-appellat, fis-sens li la darba l-ewwel Qorti rriteniet li *prima facie* kien hemm titolu tal-intimat ta' sullokazzjoni dan allura irendija nkompetenti li tiddeciedi l-kaz; li kellu jsir huwa li jigi ezaminat fid-dawl tal-provi prodotti huwa li fl-ewwel lok tezamina u tittratta l-eccezzjoni ta' kompetenza u din kellha tigi deciza kif hawn indikat, tenut kont tat-talba attrici ta' zgumbrament ghaliex qed jigi allegat li l-konvenut ma ghandux titolu; mbaghad wara l-istess Qorti kellha tezamina l-mertu tal-kawza fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u tindaga jekk l-istess konvenut ghandux titolu, u dan mhux fuq bazi

ta' *prima facie*, izda fuq bazi ta' titolu definittiv, a bazi tal-oneru probatorju f'kawzi civili, u jekk isib li hemm titolu tichad it-talbiet fuq il-mertu, u jekk ma hemmx titolu tilqa' l-istess talbiet – xejn izjed u xejn inqas.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li la darba l-istess Qorti kienet iddikjarat ruhha inkompetenti li tiddeciedi l-kaz, mela allura l-mertu baqa' mhux deciz, ghaliex ma setax jigi deciz minn Qorti li qed tiddikjara li hija nkompetenti li tiddeciedi l-mertu, u allura fl-interess tal-gustizzja, huwa logiku u korrett, li la darba din il-Qorti qed tiddeciedi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija kompetenti sabiex tisma' l-kaz, mela allura l-atti ghandhom jigu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, jigi trattat il-mertu tal-azzjoni attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat Joseph Mangion datata 15 ta' Marzu 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Silvio Izzi Savona fir-rikors tieghu datat 11 ta' Frar 2011 biss fis-sens hawn deciz, b'dan li thassar u tirrevoka d-decizjoni fl-ismijiet premessi "Silvio Izzi Savona vs Joseph Mangion" (Avviz 194/94/JP) datata 25 ta' Jannar 2011 b'dan li minflok qed tigi michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat fejn eccepixxa li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma ghandhiex kompetenza *rationae materiae*, b'dan li minflok din il-Qorti qed tiddikjara li l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) hija kompetenti li tisma` u tiddeciedi l-azzjoni attrici fil-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati, u ghalhekk din il-Qorti qed tibghat u tirrinvija l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex konsegwenti ghal din id-decizjoni tiddeciedi l-mertu tal-kaz fid-dawl tat-talbiet attrici u tal-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut/appellat skont il-Ligi.**

**Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-konvenut appellat Joseph Mangion.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------